MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 335/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-attrici premettiet:

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fir-Registru Pubbliku fit-8 t'Ottubru, 2003 – Att taz-Zwieg Numru 1863/2003 (Dok. 'A');

Illi l-attrici u l-konvenut kienu ilhom jafu u jiffrekwentaw lil xulxin ghal perjodu qasir ta' zmien qabel ma zzewgu u l-

konvenut kien qed jezercita pressjoni kbira fuq l-attrici sabiex din tizzewgu;

Illi l-attrici kienet ghaddejja minn perjodu difficli hafna f'hajjitha u hija ssokkombiet ghal din il-pressjoni u accettat illi tizzewweg lill-konvenut fuq insistenza qawwija da parti tieghu;

Illi effettivament dan iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat u l-konvenut telaq lill-attrici immedjatament wara z-zwieg u qatt ma rega' tfacca f'hajjitha;

Illi bejn l-attrici u l-konvenut qatt ma kien hemm diskussjoni dwar dawk li huma l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabilitajiet tal-hajja mizzewga u qatt m'ghamlu pjanijiet serji ghall-futur taghhom flimkien;

Illi effettivament min-naha tal-attrici dan iz-zwieg ma kien xejn ghajr zball illi hija wettqet meta kienet ghaddejja minn zmien difficli hafna f'hajjitha u li tieghu ghadha tbati l-konsegwenzi sal-lum;

Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a) u/jew (d) u/jew (f) tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-8 t'Ottubru, 1997 huwa null u bla ebda effett fil-ligi a tenur
tal-artikolu 19(1)(a) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali; u

2. tordna li ssir l-appozita annotazzjoni fl-atti civili kollha tal-kontendenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati pprezentata fit-3 ta’ Mejju, 2006 li permezz taghha eccepew;

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ‘l quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit ta’ l-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-8 ta’ Ottubru 2003 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1) (a) (d) u (f) u tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuti ma ressqux provi minhabba li ma ghamlux kuntatt mal-konvenut stante li ma nghatawx informazzjoni fejn qieghed, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’ materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni, imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-*

*annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

*19 (1) (a) – li l-kunsens kien vizzjat minn biza';*

*19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija serja psikologika litaghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghal- att taz-zwieg .*

Mill-provi mressqa jidher li l-konvenut dahal ghaz-zwieg biss biex ikun jista' jibqa' jghix Malta L-attrici lanqas qalet lill-genituri taghha il kienet ser tizzewweg u kienet tghix ma' qrabat ohra qabel iz-zwieg. Meta zzewgu baqghu jghixu separatement u lanqas biss ma kkonsmaw iz-zwieg. Ma hemm ebda dubbju allura illi t-talba attrici tigi akkolta.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-8 ta' Ottubru, 2003. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------